MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 876/2004

**Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Rita Cauchi u l-istess Rita Cauchi**

**vs**

**Andrew Jaccarini**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 t'April 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi ikkundannat lhallas lill-atturi is-somma ta' mitejn hamsa u erbghin Liri Maltin u tmienja u erbghin centezmi (Lm245.48), rapprezentanti danni subiti mill-atturi wara incident stradali fil-post u data indikati, minn liema ammont l-attrici Rita Cauchi hallset Lm50 bhala excess u Lm28.75 ghal car hire filwaqt li l-bilanc tas-somma mitluba sofriethom is-socjeta' attrici bhala s-socjeta' assikuratrici, meta l-konvenut kien qed isuq vettura JAI 524 u habat ma' vettura DRI 982 misjuqa

mill-attrici Rita Cauchi, ghal liema incident jahti unikament l-istess konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali prezentata ma' l-Avviz ghall-finijiet tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta u kif ukol ta' l-ittra ufficjali tat-3 ta' Dicembru 2003 u bl-imghax dekorribbli skond il-Ligi mit-3 ta' Dicembru 2003 sa' l-effettiv pagament.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-

Illi t-talbiet attrici huma kontestati billi l-konvenut ma jahtix ghall-incident de quo u ma huwiex responsabbli ghad-danni.

Illi, bla pregudizzju ghas-suespost, l-attur ghandu jipprova sodisfacentement l-entita` tad-danni.

Illi, bla pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez kontra taghhom.

Sema' x-xhieda ta' Rita Cauchi u tal-konvenut Andew Jaccarini. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet prezentati miz-zewg partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kawza tirigwarda ncident stradali li sehh fit-22 ta' April 2002, f'B'Kara Bypass, B'Kara bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DRI 982 msijuqa mill-attrici u assikurata taht polza tat-tip comprehensive mas-socjeta' attrici u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAI 524 misjuqa mill-konvenut.

L-attrici xehdet li dakinhar tal-incident hija kienet qed issuq il-vettura taghha bin-numru tar-registrazzjoni DRI 982 f'B'Kara Bypass gejja minn Hal-Lija u sejra fid-direzzjoni ta' B'Kara. Hija kienet qed tavvicina it-tieni roundabout, u cioe` dik li taghti ghal B'Kara Centre u ghalhekk naqset il-velocita'. Malli ghamlet hekk hija hasset daqqa fuq wara, precizament fil-faccata ta' wara man-naha tax-xellug. Rita Cauchi tispjega li hija kienet qed issuq fuq l-outer lane u li kien hemm vetturi kemm magenbha kif ukoll quddiemha u warajha.

Rita Cauchi tghid li wara l-incident is-sewwieq l-iehor ma riedx jimla' l-Front to Rear Form izda mbaghad ghaddew xi Pulizija u qalulhom li bilfors kellhom inehhu l-vetturi min-nofs u jimlew il-Front to Rear Form. In kontro-ezami Rita Cauchi cahdet li hija kienet marret fuq l-outer lane sabiex tissorpassa vettura ohra u tispjega li hija kienet qed issuq fuq dik il-karreggjata ghaliex riedet iddur mar-roundabout. L-attrici cahdet kategorikament dak li allega il-konvenut u cioe` li hija kienet dahlet fic-centre strip ghaliex marrulha il-brakes.

Il-konvenut xehed li dakinhar tal-incident huwa kien qed isuq il-vettura tieghu f'B'Kara Bypass sejjer fid-direzzjoni tal-Belt. Huwa kien qed isuq fil-lane ta' barra u quddiemu fl-istess lane kien hemm il-vettura misjuqa mill-attrici. Huwa naqqas il-velocita' ghaliex kien qed javvicina r-roundabout. Huwa ra l-vetura ta' quddiemu tixghel l-brake lights izda minflok waqfet baqghet sejra u baqghet diehla fic-centre strip. Huwa jispjega li s-centre strip ma kienitx dritta izda angolata u ghalhekk malli l-vettura tal-attrici habtet mas-centre strip din giet lura. Huwa prova ma jidholx fiha billi ghafas il-brake u dawwar il-vettura tieghu lejn ix-xellug izda ma rnexxilux jevita l-kollizjoni. Andrew Jaccarini isostni li kien hemm aktar minn tlett metri u nofs (3.5m) bejn il-vettura tieghu u l-vettura tal-attrici. Huwa jghid li wara l-incident l-attrici qaltlu li kienu marrulha l-brejkijiet fil-vettura taghha. Il-konvenut jghid ukoll li dakinhar tal-incident kienet hafna xita u fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu isostni li probabilment l-attrici skiddjat ghaliex it-triq kienet imxarrba u b'hekk baqghet diehla fis-centre strip.

It-Tribunal huwa rinfaccjat b'zewg verzjonijiet opposti dwar kif sehh l-incident de quo u l-hsarat riportati fiz-zewg vetturi huma kompatibbli maz-zewg verzjonijiet moghtija mis-sewwieqa nvoluti. It-Tribunal izda huwa tal-fehma li l-verzjoni moghtija mill-attrici Rtia Cauchi hija aktar verosimili u dan ghaliex kif sotna ben tajjeb l-avukat difensur fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu kieku verament l-attrici habtet fir-roundabout hija kienet tibqa' tiela' fuq l-istess roudabout li mir-ritratt esebit a fol. 36 tidher li hija pjuttost baxxa, jew altrimenti titkaxkar maghha u mhux tmur lura zewg metri (rebound) kif qed jallega l-konvenut.

Inoltre it-Tribunal huwa tal-fehma li anki jekk ghal grazzja tal-argument wiehed kellu jemmen il-verzjoni moghtija mill-konvenut, xorta wahda huwa ghandu jitqies responsabbli ghall-incident ghaliex biex il-vettura tal-attrici dahlet fih meta resqet lura bir-rebound dan kien ifisser li huwa ma kienx qed izomm distanza adegwata fic-cirkostanzi, specjalment meta wiehed jikkunsidra li dakinhar kienet hafna xita.

It-Tribunal huwa tal-fehma li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident ghaliex ma zammx id-distanza adegwata mill-vettura tal-attrici.

Il-quantum tad-danni reklamat jidher li huwa kompatibbli mad-dnamika ta' kif sehh l-incident u jidher li l-atturi ma naqsux mill-obbligu taghhom qua danneggjati li jimminimizzaw id-danni.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u hamsa u erbghin lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm245.48) bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' din l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz ghal finijiet tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll dawk tal-ittra ufficjali tat-3

ta’ Dicembru 2003, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------